MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 253/2014

**Bank of Valletta p.l.c. [C-2833]**

**Vs**

**Antoine GILIBERTI [K.I. Nru. 40887M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-bank rikorrenti mressqa fil-15 ta' April, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elfejn disa' mija disgha u erbghin euro u tmenin ċenteżmi ta' euro [€2,949.80c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi, l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta attriċi fis-somma ta' elfejn, disa mija u disgha u erbghin Ewro u tmenin ċenteżmu (€2,949.80), bilanċ ghad-debitu fil-*Loan Account* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 sa A4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Marzu 2014, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklużi dawk ta' l-

Ittra Ufficjali datata 8 ta' Novembru 2013 (Dok. B), u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment.

Illi, nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, is-socjeta attriċi qed tippreżenta wkoll Affidavit skont il-ligi hawn anness u markat Dok. C".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal llum.

Ra l-affidavit ta' Romuald Attard, rapprezentant tal-bank rikorrenti, li kkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' €2,949.80 bilanc ghad-debitu fil-Loan Account tieghu flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Marzu 2014 sal-jum tal-pagament effettiv.

Semgha lil Rose Cortis, rappreżentanta tal-bank rikorrenti llum stess tikkonferma li l-ammont reklamat fit-talba odjerna ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra li Dr. Dominic Cassar iddikjara li l-bank rikorrenti ma kellux provi aktar xi jressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, l-bank rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ €2,949.80c bhala bilanċ ghad-debitu fil-Loan Account tieghu mal-istess bank flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Marzu 2014 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanti tal-bank rikorrenti xehdu li l-ammont reklamat mil-bank rikorrenti ta’ elfejn disa’ mija disgha u erbghin euro u tmenin ċenteżmi ta’ euro [€2,949.80c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tal-bank rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-bank rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-bank rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tal-bank rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' elfejn disa' mija disgha u erbghin euro u tmenin ċenteżmi ta' euro [€2,949.80c] flimkien ma' l-imghax ulterjuri, skond il-ligi, mill-24 ta' Marzu, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 8 ta’ Novembru, 2013 u tal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat kontestwalment ma dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------